IR-RABAT

# KUNSILL LOKALI IR-RABAT
## IS-SEBA' LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU G 31

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar**
**It-Tlieta 16 ta' Diċembru 2014 fis-7.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat** — Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** — Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Luke Vella | Ambaxxatur |

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 31**

1.01 Il-minuti tas-seduta numru G31 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. — Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 31

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti G 31** — Punti li joħorġu mill-Minuti G 31

2.01 13.01 Il-Sindku stieden lill-kuntrattur is-Sur Wilson Mifsud (W.M. Environmental) u l-*Contracts Manager* tal-Kunsill is-Sur Raphael Carbott sabiex jingħaqdu fid-diskussjoni fejn ġiet diskussa l-korrispondenza mibgħuta mill-kuntrattur W.M. Environmental dwar d-*default notices* maħruġa lilu mill-Kunsill. — *Default notices* maħruġa lill-kuntrattur W.M. Environmental

** Il-Viċi Sindku Doris Coleiro daħlet għal-laqgħa fis-7.20 ta' filgħaxija.

2.02 14.00 Is-Sindku informa l-laqgħa li l-Iskema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2014 - 2015 ġiet estiża sal-31 ta' Diċembru 2014. Memo 27/2014 – Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2014 - 2015

** Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi talab li jiġi skużat fl-9.50 ta' filgħaxija.

## 3.00 Komunikazzjoni mis-Sindku inkluż korrispondenza

3.01 Is-Sindku ppropona li l-Kunsillier Andrew Mallia jkun ir-rappreżentant tal-Kunsill fis-sotto kumitat tal-kultura, sports u edukazzjoni fi ħdan ir-Reġjun tat-Tramuntana. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament. Rappreżentanza tal-Kunsill fis-sotto kumitat tar-Reġjun tat-Tramuntana

## 4.00 Awtorizzazzjoni tal-Ħlasijiet

4.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 241 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament. L-iskeda tal-ħlasijiet numru 241

## 5.00 Korrispondenza

5.01 B'referenza għall-korrispondenza numru 50/1889/14, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali ħareġ memo 30/2014 dwar l-ispazji pubbliċi – żoni mituħa. F'din il-memo l-Kunsill qed jintalab jidentifika spazji pubbliċi eżistenti u oħrajn ġodda peress li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali qed iniedi eżerċizzju sabiex tinġabar informazzjoni għall-ippjanar aħjar ta' dawn iż-żoni miftuħa. Memo 30/2014 dwar l-ispazji pubbliċi – żoni mituħa.

Wara diskussjoni dwar dan is-suġġett il-Kunsill qabel li l-ispazji pubbliċi u ż-żoni miftuħa elenkati jkunu hekk kif ġej:

- Spazju pubbliku fi Triq Vinċenzo Ciappara
- Ġnien Bir Iljun
- Ġnien Għar Barka
- Ġnien Patri Martin Caruana O.P (Misraħ San Duminku)
- Is-Saqqajja
- Misraħ il-Forok
- Misraħ Suffara
- Żona miftuħa fi Triq Doni l-Qadima
- Triq Għajn Qajjet (iż-żona tal-*Housing Estate)*
- Wesgħa abbandunata fi Triq Kan. G. Gatt Said (ħdejn Peter the Potter)
- Żona miftuħa fi Triq Rudolf Saliba
- Żona miftuħa fi Triq Sant' Aristarku
- Żona miftuħa fi Triq San Patrizju k/m Triq iċ-Ċagħki

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li tali memo inġabet għall-attenzjoni taż-żewġ Kumitati Amministrattivi fejn il-membri elenkaw toroq fiż-żona tagħhom.

5.02 Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill korrispondenza numru **50/1834/14,** riċevuta minn Transport Malta, fejn il-Kunsill kien qiegħed jintalab sabiex jgħaddi lill-awtorità lista ta' toroq li qatt ma ġew asfaltati. Lista ta' toroq li qatt ma ġew asfaltati

Wara diskussjoni li saret kien hemm qbil li jiġu elenkati dawn it-toroq:

- Old Żebbuġ Road
- Misraħ Suffara
- Triq Santa Katerina
- Triq l-Iskultur
- Ħofriet ir-Ritz
- Raba Nemel
- Id-Dwejra
- Tas-Salib
- In-Nadur
- L-Għemieri (parti mir-rabat)
- Ta' Koronja

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li tali korrispondenza inġabet għall-attenzjoni taż-żewġ Kumitati Amministrattivi fejn il-membri elenkaw toroq fiż-żona tagħhom.

**6.00 *Performance Appraisal* tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-Impjegati**

6.01 Is-Sindku kkwota dak li kiteb fil-*performance appraisal form* tas-Segretarju Eżekuttiv fejn faħħar il-ħidma tagħha. Huwa ppropona li s-Segretarju Eżekuttiv tingħata l-massimu tal-*performance bonus,* dak ta' 10%. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament. *Performance Appraisal* tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-Impjegati

6.02 Is-Segretarju Eżekuttiv kien mistoqsi dwar il-*performance* tal-impjegati u wieġbet li hija kienet iltaqgħat mal-impjegati u flimkien magħhom iddiskutiet il-pożittiv u n-negattiv tal-*performance* tagħhom. Hija sostniet li minkejja li xi drabi jkun hemm xi nuqqasijiet, l-aspetti pożittivi jiżbqu bil-bosta n-negattiv li wieħed jista' jkollu. Hija semmiet ukoll li dawn l-aħħar sitt xhur il-pressjoni tax-xogħol kienet żdiedet fuq l-amministrazzjoni tal-kunsill minħabba r-riżenja ta' waħda mill-impjegati. Għal dan il-għan hija kienet qiegħda tirrakkomanda l-massimu tal-*performance bonus* ta' 6% lill-impjegati kollha.

Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jaqbel mar-rakkomandazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv. Din il-proposta ġiet issekondata mill-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament.

**7.00 Approvazzjoni tal-Programm tal-Ħarġiet għall-Anzjani (Jannar - Marzu 2015)**

7.01 Is-Sindku ppreżenta l-programm tal-Ħarġiet għall-Anzjani għall-perjodu bejn Jannar – Marzu 2015 li ħejjiet il-Viċi Sindku Doris Coleiro. Huwa talab lill-Viċi Programm tal-ħarġiet għall-

| | | |
|---|---|---|
| | Sindku Doris Coleiro biex tagħti spjegazzjoni aktar fid-dettall tal-programm.<br><br>Is-Sindku ppropona li l-Kunsill japprova l-programm. Issekonda din il-proposta l-Kunsilllier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament. | Anzjani |
| **8.00** | **Minuti Kumitat Amministrattiv Baħrija – Seduta numru B05** | |
| 8.01 | Il-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-minuti tal-KA tal-Baħrija B05 jittieħdu bħala moqrija. Il-Viċi Sindku Doris Coleiro ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. | Minuti KA Baħrija B05 |
| **9.00** | **Materji Oħra** | |
| 9.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-każ li kien hemm quddiem il-Bord tal-Governanza rigward id-deċiżjoni meħuda mill-Kunsill fl-għażla tal-kwotazzjoni (RLC/Q/086/2014) għal servizz ta' avukat, kien ġie deċiż favur il-Kunsill. | Ilment quddiem il-Bord tal-Governanza |
| 9.02 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat l-laqgħa li Heritage Malta kienu infurmawna li s-sit arkeoloġiku ta' Triq Nikola Saura ma kienx jaqa' f'idejn Heritage Malta. Għaldaqstant ġie deċiż li tintbagħat ittra lil-Mepa u lid-Dipatiment tal-Artijiet dwar dan il-każ. | Is-sit arkeoloġiku ta' Triq Nikola Saura |
| 9.03 | Is-Sindku informa l-laqgħa li l-perit tal-proġett ta' Triq Santa Rita u Misraħ San Katald kien infurmah li hemm sadd fid-drenaġġ f'Misraħ San Katald. Huwa qal li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma kienet ġiet infurmata dwar dan. | Sadd fid-drenaġġ f'Misraħ San Katald |
| 9.04 | Is-Sindku qal li fi Triq Santu Wistin k/m Triq Zondadari hemm nicca li għandha bżonn restawr. Huwa ssuġġerixxa li l-Kunsill jindaga jekk din in-niċċa hijiex tal-privat. Il-Kunsill qabel. | Niċċa fi Triq St. Wistin k/m Triq Zondadari |
| 9.05 | Il-Kunsillier Stephen Borg saqsa jekk il-Kunsill kellux informazzjoni dwar tliet arbli tal-Korporazzjoni Enemalta li twaħħlu ġo Triq Ferris. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li kienet ser tivverifika u tirraporta f'seduta oħra. | Arbli tad-dawl fi Triq Ferris |
| 9.06 | Il-Kunsillier Ian Vasssallo qal li kien ġie avviċinat minn xi individwi li wrew ix-xewqa li jagħmlu statwa ta' San Ġużepp ġo Misraħ il-Forok għas-spejjeż tagħhom. Ġie deċiż li ssir talba formali lill-Kunsill sabiex tittella' għad-diskussjoni f'seduta oħra. | Statwa ġo Misraħ il-Forok |
| 9.07 | Il-Kunsillier Ian Vasssallo qal li fi Triq Sant'Aristarku hemm parti mill-kurduna tal-bankina mkissra. | Kurduna imkissra fi Triq Sant'Aristarku |
| 9.08 | Il-Kunsillier Ian Vassallo staqsa lis-Sindku jekk ir-rampa li kien hemm f'Misraħ San Katald ħdejn l-arkati hux ser terġa' ssir.<br><br>Is-Sindku wieġeb li r-rampa mhux ser terġa' ssir għaliex din mhijiex inkluża fil-pjanti tal-proġett. | Rampa f'Misraħ San Katald |
| 9.09 | Il-Kunsillier Andrew Mallia qal li l-Pjazza ta' San Pawl tinsab mitfija. | Dwal maqtugħ fil- |

| | | |
|---|---|---|
| | | Pjazza ta' San Pawl |
| 9.10 | Il-Kunsillier Andrew Maliia qal li fi Triq il-Katakombi ħdejn bieb nru 50 hemm bozza maqtugħa. | Bozza maqtugħa Triq il-Katakombi |
| **10.00** | **Data tas-seduta li jmiss** | |
| 10.01 | Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 20 ta' Jannar 2015 fis-7.00 ta' filgħaxija. | Data tas-seduta li jmiss |
| 10.02 | Il-laqgħa ntemmet fid-8.55 ta' filgħaxija. | |

Minuti approvati llum it-Tlieta ............................ 20........... ta'. Jannar.......................... 2015

**Charles Azzopardi**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**